MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru 276/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**SPETTUR JOSPEH AGIUS**
**KONTRA**

**RENALD BARBARA**
**PAUL ABELA**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Renald Barbara ta’ 28 sena, bin Paul u Vincenza nee’ Barbara, mwieled Pieta’ nhar il- 25 ta’ Frar 1981, residenti

fil- fond 29, Triq ir- Repubblika Rabat u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 129981(M);

U

Paul Abela ta' 53 sena, bin Carmel u Helen nee' Agius, mwieled Rabat nhar il- 11 ta' Frar 1956, residenti 33, Galea, Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 113056(M);

U

Ommissis

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli;

1) nhar it- 22 ta' Marzu 2009, ghall- habta tad- 9.00am, fil- Pieta', ikkommettew serq ta' diversi ghodda mill- fabbrika Dolphin Forge, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad- detriment tal- kumpanija Dolphin Forge Ltd. u/ jew Louis Farrugia;

2) u aktar talli fl- istes data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri t- tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda anqas minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

4) u aktar talli rrendew ruhhom recidivi ai termini tal- Aritkoli 49, 50 u 289 tal- Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Lil Renald Barbara wahdu;

5) talli kiser il- providimenti tal- Artikolu 2 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) fl- 1 ta’ Novembru 2008, b’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax – il xahar;

Lil Paul Abela wahdu;

6) talli fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), nhar it- 3 ta’ April 2008, ikkommetta reat li ghalih hemm il- piena ta’ prigunerija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati Renald Barbara u Paul Abela irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni hekk maghmula minnhom;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u setghet ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ko-imputat l-iehor, Charles Guntrip, ghazel li ma jammettix l-imputazzjonijiet kontrih, u ghalhekk il-Qorti, fuq

talba tal-Prosekuzzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' Barbara u Abela;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta tentattiv ta' serq ta' kwantita' konsiderevoli ta' ghodod u makkinarju industrijali minn gewwa fabbrika f' tal-Pieta'. L-imputati inqabdu fil-fatt, fuq ix-xena tad-delitt, wara li l-Pulizija u s-sidien tal-istabbiliment ircevew rapport illi kien hemm persuni gewwa din il-fabbrika qed jisirqu xi affarjiet. Inoltre l-Qorti tara li l-imputati huma pluri-recidivi, anke b'sentenzi sospizi kontra taghhom, u ghalhekk il-Qorti sejra bil-fors taghti piena ta' prigunerija effettiva kontra taghhom, kif ukoll tordna li jidhlu fis-sehh is-sentenzi ta' prigunerija sospiza moghtija lilhom f' sentenzi ohra.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, u kwantu ghall-imputazzjoni ta' hsara volontarja, din kienet mezz ghall-fini tas-serq, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 261, 262, 263, 279(b), 334, 325, 49, 50 u 289, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati Renald Barbara u Paul Abela hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u tikkundannahom is-segwenti pieni;

Kwantu ghal Renald Barbara, perijodu ta' tlittax-il xahar (13) prigunerija ghal dan ir-reat;

Tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtja minn din il-Qorti hekk kif presjeduta fit-22 ta’ Jannar 2009, u ghalhekk tordna li jibda jiskonta l-piena ta’ sena prigunerija moghtija lilu permezz ta’ dik l-istess sentenza;
Tittratta mill-gdid mal-imputat ghall-ksur ta’ liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta’ Novembru 2008, u ghalhekk tikkundannah perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija;
Ghalhekk b’kollox l-imputat ghandu jservi perijodu totali ta’ prigunerija ta’ sentejn u seba’ xhur;

Kwantu ghall-imputat Paul Abela, perijodu ta’ tlettax-il xahar (13) prigunerija ghal dan ir-reat;
Tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtja minn din il-Qorti hekk kif presjeduta fit-22 ta’ Jannar 2009, u ghalhekk tordna li jibda jiskonta l-piena ta’ sena prigunerija moghtija lilu permezz ta’ dik l-istess sentenza;
Tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtja minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta’ April 2008, u ghalhekk tordna li jibda jiskonta l-piena ta’ disa’ xhur prigunerija moghtija lilu permezz ta’ dik l-istess sentenza;
Ghalhekk b’kollox l-imputat ghandu jservi perijodu totali ta’ prigunerija ta’ sentejn u ghaxar xhur;

Tordna l- konfiska tal- vettura bin- numru tar-registrazzjoni KAA 731.

Ghal kull buon fini l-Qorti qeghedha tirrakkomanda li Abela ma jitlifx l-impieg tieghu waqt li jkun detenut, u jkun possibbli ghalih li jerga’ jahdem fl-istess xoghol wara li jkun skonta din is-sentenza.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------